A.L. 255 ta' l-2009

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Regolamenti tal-2009 dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 72 tal-Att dwar Kunsill Lokali u bl-ordni 38 tal-Ordnijiet Permanenti li hemm fis-Sitt Skeda li tinsab mal-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

TAQSIMA I
Disposizzjonijiet Ġenerali

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2009 dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali. Titolu.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra – Tifsir.

"appellant" tfisser offerent li jkun ressaq appell mid-deċiżjoni tal-Kunsill;

"l-Att" tfisser l-Att dwar Kunsilli Lokali; Kap. 363.

"il-Bord" tfissser Bord tal-Appelli dwar l-Offerti maħruġa mill-Kunsilli Lokali kif stabbilit fit-Taqsima IV ta' dawn ir-regolamenti;

"garanzija tal-offerta" tfisser il-garanzija li min jagħmel l-offerta jkun meħtieġ jagħmel favur il-Kunsill kif hemm fil-proċeduri ta' offerti;

"is-somma tal-offerta" tfisser is-somma totali offerta minn kuntrattur għal xi kuntratt ta' xogħlijiet, servizzi, materjal jew provvisti;

"Kumitat tal-Offerti" tfisser il-Kunsill innifsu, jew, jekk ikun maħtur kumitat biex jipproċessa, jivvaluta u jiddeċiedi l-offerti kif hemm fl-artikolu 40(2) tal-Att, dak il-kumitat maħtur;

"kuntrattur" tfisser il-persuna jew persuni li l-offerta tagħha jew tagħhom tkun aċċettata mill-Kumitat tal-Offerti;

"offerent" tfisser dik il-persuna li tkun ippreżentat offerta lill-Kunsill skont dawn ir-regolamenti;

"proċeduri ta' offerti" tfisser il-proċeduri ta' offerti għal Kunsilli Lokali maħruġa mill-Ministru u li għandhom jitħarsu mill-Kunsilli fil-qadi tad-dmirijiet u tar-responsabbiltajiet tagħhom taħt l-Att u skont dawn ir-regolamenti;

"pubblikazzjoni" tfisser it-tqegħid tad-deċiżjoni tal-Kunsill fin-*notice board* tal-Kunsill;

"Segretarju Eżekuttiv" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att.

TAQSIMA II
Offerti

Awtorizzazzjoni ta' nfieq li jsir b'offerti.

3. (1) Qabel ma tinħareġ sejħa pubblika għal offerti dwar xogħlijiet, servizzi, materjal jew provvisti, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiżgura:

(a) li x-xogħlijiet, servizzi, materjal jew provvisti proposti jkunu jagħmlu parti mill-pjan tax-xogħol tal-Kunsill u jkunu skont dak il-pjan kif stipulat fl-artikolu 59 tal-Att;

(b) li jkun hemm provdut għall-infieq propost u li dan ikun skont l-estimi approvati ta' dħul u nfieq tal-Kunsill, u jkun skont l-artikoli 56 u 61 tal-Att;

(ċ) li jkun hemm fondi biżżejjed biex l-infieq propost jew mistenni jkun jista' jitħallas;

(d) li l-Kunsill ikun awtorizza l-ispiża;

(e) li jagħmel stima tal-valur tal-offerta, u li dik l-stima għandha tiġi approvata mill-Kunsill.

A.L.155 tal-1993.

(2) Kemm-il darba ma jkunx provdut xort'oħra fl-Att jew fir-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Finanzi), sejħa għal offerti għandha tinħareġ meta l-Kunsill ikun jeħtieġ xogħlijiet, servizzi, materjal jew provvisti li jkunu meħtieġa biex jaqdi l-funzjonijiet tiegħu.

Infieq li jeċċedi ċertu ammont jeħtieġ sejħa għal offerti.

4. Tkun meħtieġa sejħa għal offerti meta l-infieq propost jew ikun mistenni jeċċedi l-limiti kif imfissra fir-regolament 24, jew ikun jaqa' taħt id-disposizzjonijiet tar-regolament 43 tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Finanzi).

Proċeduri għal offerti.

5. Kull sejħa għal offerti għandha ssir skont il-proċeduri għall-offerti.

6. Il-Kunsill jista' jeħtieġ li kull min jagħmel offerta jkollu jipprovdi garanzija tal-offerta li tingħata flimkien mal-offerta. Min jagħmel offerta jkun meħtieġ jagħti garanzija.

TAQSIMA III
Għoti ta' Offerti

7. Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien ma' żewġ Kunsillieri maħtura mill-Kunsill għandhom jiftħu fil-pubbliku l-offerti li jkunu saru wara sejħa għal offerti maħruġa taħt l-artikolu 40 tal-Att u jagħmlu skeda tal-offerti kollha riċevuti. Ftuħ tal-offerti.

8. Il-Kumitat tal-Offerti għandu jeżamina l-offerti kollha u jiddeċiedi dwarhom skont l-artikolu 40 tal-Att. Eżami ta' offerti u deċiżjoni dwarhom.

9. (1) Il-Kumitat tal-Offerti għandu jiddeċiedi fuq l-għoti ta' offerta, u s-Segretarju Eżekuttiv għandu fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-deċiżjoni tal-Kunsill jippubblika d-deċiżjoni tal-Kumitat, li jkun fiha wkoll ir-raġunijiet, skont l-artikolu 40(2)(ċ) tal-Att. Għoti ta'offerta.

(2) Is-Segretarju Eżekuttiv għandu, fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-deċiżjoni tal-Kunsill, jippubblika dik id-deċiżjoni fejn għandhom ukoll jingħataw ir-raġunijiet skont l-artikolu 40(2)(ċ) tal-Att.

TAQSIMA IV
Appelli

10. (1) Il-Ministru għandu jwaqqaf Bord biex jisma' u jiddeċiedi dwar appelli minn deċiżjonijiet meħuda minn xi Kunsill Lokali dwar sejħiet għall-offerti maħruġa mill-istess Kunsill Lokali. Il-Bord jisma' appelli mid-deċiżjonijiet tal-Kunsilli.

(2) Dan il-Bord ikollu s-setgħa li jisma' u jiddeċiedi appelli minn offerenti li jħossuhom aggravati b'deċiżjoni ta' dak il-Kunsill dwar offerti b'valur tal-kuntratt sa tnax-il elf euro (€12,000) u f'kull każ ieħor meta, minflok ma jkun ġie stabbilit il-valur stmat tal-offerta, ikunu ġew stabbiliti jew offruti rati:

Iżda minkejja dawn id-disposizzjonijiet, f'każ li l-Kunsill Lokali ma jkunx stabbilixxa stima tal-valur tal-offerta, jew l-offerta tkun tinkludi biss rata għall kull unità, il-Bord għandu jiddeċiedi dwar l-ammissibbilità tal-appell fuq bażi tal-qliegħ medju tal-offerta simili preċedenti u fin-nuqqas ta' offerta simili, fuq dikjarazzjoni tal-Kunsill fuq il-valur massimu tal-offerta.

(3) Il-Bord tal-Appell għandu jkun magħmul minn *Chairman* u minn żewġ membri li għandhom jinħatru mill-Ministru għal perjodu ta' tliet snin b'possibiltà li jerġgħu jinħatru għal perjodu ieħor ta' tliet snin.

(4) Il-membri tal-Bord tal-Appell, il-membri sostituti u s-Segretarja tal-Bord għandhom jirċievu dik ir-remunerazzjoni li l-Ministru jista' jiddetermina.

(5) Il-Ministru għandu jaħtar ukoll sostitut għaċ-*Chairman* u membri tal-Bord sostituti sabiex iservu fil-każ li jew iċ-*Chairman* jew xi wieħed mill-membri tal-Bord jastjenu ruħhom jew jiġu rikużati. F'dak il-każ għandhom japplikaw l-istess kondizzjonijiet bħal dak taċ-*Chairman* jew tal-membri tal-Bord.

(6) Kull kwistjoni dwar ir-raġunijiet għall-astensjoni jew rikuża għandha tiġi deċiża miċ-*Chairman*.

(7) Kull membru tal-Bord tal-Appell li jista' jkollu interess dirett jew indirett f'xi kuntratt li jkun is-suġġett talment għandu jitwaqqaf milli jkompli jisma' dak l-ilment partikolari.

(8) Il-Bord għandu jkollu Reġistratur, u dik il-funzjoni għandha taqa' fuq is-Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali jew fuq is-sostitut tiegħu kif approvat mill-membri tal-Bord.

(9) Il-Bord għandu jiltaqa' fis-sede tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

(10) Il-Bord tal-Appell għandu jkollu s-setgħa li jħarrek, jagħti ġuramenti u li jqabbad kull uffiċjal tal-gvern jew espert ieħor mhux tal-gvern biex jassistih fil-konsiderazzjonijiet tal-appell.

(11) Is-seduti tal-Bord tal-Appell għandhom isiru fil-pubbliku u kemm l-offerent aggravat kif ukoll kull persuna li għandha interess għandu jkollha d-dritt li tattendi u li tkun akkumpanjata minn xi persuna, professjonista jew le, li tikkunsidra xierqa biex tiddefendi l-interessi tagħha.

(12) Il- Bord tal-Appell għandu jkollu s-setgħa li jiddetermina l-proċedura tas-smiegħ għal kull ilment ppreżentat fil-Bord tal-Appell u għandu jiżgura illi waqt is-smiegħ pubbliku kull parti interessata tingħata ċ-cans tiprreżenta l-każ tagħha.

(13) Il-Ministru jista' f'kull waqt, ixolji l-Bord tal-Appelli jew ineħħi xi membru tal-Bord jew xi sostitut meta jħoss il-bżonn.

Ir-Reġistratur ilaqqa'l-Bord.

11. (1) Iċ-*Chairman* għandu jappunta s-smiegħ pubbliku fl-iktar data viċin possibbli wara li jirċievi r-Rapport tal-Analiżi u d-dokumentazzjoni relattiva mid-Direttur tal-Kuntratti kif stipulat fir-regolament 83(2(h).

(2) Malli r-Reġistratur tal-Bord jirċievi avviż ta' appell, dan għandu minnufih jinforma liċ-*Chairman* sabiex ilaqqa' l-Bord fl-iqsar żmien possibbli, u f'ebda każ aktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol mid-data meta jiġi notifikat l-avviż tal-appell.

(3) Meta l-membri tal-Bord jiġu notifikati bid-data u l-ħin tas-smiegħ, ir-Reġistratur tal-Bord għandu jibgħat lill-partijiet kollha d-dettalji dwar l-appell.

(4) Ir-Reġistratur tal-Bord għandu wkoll jinnotifika lill-partijiet kollha interessati bil-post, id-data u l-ħin tas-smiegħ. Il-Bord ikollu dritt iħarrek ukoll lil persuni oħra skont ma jista' jkun meħtieġ għas-smiegħ ġust tal-kawża.

(5) L-appell jitqies li jkun ġie rtirat jekk l-appellant, mingħajr raġuni ġustifikata, jonqos milli jattendi skont ma jkun ġie notifikat.

(6) Id-deċiżjoni tal-Bord tkun waħda finali u torbot lill-partijiet kollha.

L-offerent li jħoss ruħu aggravat jista' jappella.

12. Kull offerent li jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-Kunsill, dwar offerti, jista', fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni tal-Kunsill, jippreżenta appell, flimkien ma' depożitu ta' mitejn euro (€200) lis-Segretarju ta' dak il-Kunsill Lokali. Id-depożitu jitħallas lura mill-Kunsill lill-offerent li jkun qed jappella jekk dak l-appell jiġi deċiż favur l-appellant.

Il-Kunsill jgħaddi kopja tal-appell u nofs id-depożitu lir-Reġistratur.

13. (1) Il-Kunsill għandu minnufih jgħaddi kopja tal-appell, flimkien ma' nofs l-ammont depożitat, lir-Reġistratur tal-Bord, u dak l-ammont ma għandu f'ebda każ jingħata lura lill-Kunsill.

(2) Ir-Reġistratur tal-Bord għandu jżomm kontijiet separati biex jirreġistra d-dħul u l-ħruġ li jkollhom x'jaqsmu mat-tħaddim tal-Bord tal-Appell.

(3) Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jkun responsabbli biex jibgħat id-dettalji tal-kuntratt flimkiem mal-indirizzi tal-posta elettronika tal-partijiet kollha li ser jitħarrku waqt l-appell.

Deċiżjoni tal-Bord.

14. (1) Mat-tmiem tal-appell, id-deċiżjoni tal-Bord għandha tiġi notifikata lill-Kunsill Lokali u lill-appellant minnufih. Il-Kunsill għandu jippubblika d-deċiżjoni malli jirċieviha.

(2) L-ordnijiet kollha maħruġa mill-Bord għandhom ikunu iffirmati miċ-*Chairman* u jiġu ċertifikati mir-Reġistratur tal-Bord.

(3) Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell għandha tkun finali fir-rigward tal-għoti tal-kuntratt involut u l-Kunsill Lokali għandu jkollu l-awtorità li jipproċedi bl-għoti tal-kuntratt hekk kif id-deċiżjoni tal-Bord tiġi pubblikata u notifikata lill-partijiet interessati.

(4) Id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell għandhom preferibilment jittieħdu b'mod unanimu. Iżda, id-deċiżjonijiet tal-maġġoranza għandhom ikunu finali u jorbtu fir-rigward tal-għoti tal-kuntratt. Iċ-*Chairman* u ż-żewġ membri l-oħra għandu jkollhom vot wieħed kull wieħed.

(5) Id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell għandhom jintbagħtu miċ-*Chairman* lill-Kunsill Lokali bil-miktub fi żmien għaxart'ijiem wara s-seduta fil-pubbliku.

(6) Kull deċiżjoni meħuda mill-Bord tal-Appell għandu tkun bil-miktub. Fiha għandu jkun hemm il-fatti u r-raġunijiet li dwarha tkun ittieħdet id-deċizjoni tal-Bord tal-Appell. Kull deċiżjoni għandha tkun konkluża b'rikomandazzjonijiet finali li għandhom jorbtu lill-Kunsill Lokali u lil kull offerent involut.

(7) Kopja tad-deċiżjoni meħuda mill-Bord tal-Appelll għandha tintbgħat lill-partijiet interessati, lill-Ministru responsabbli għall-Gvern Lokali, lid-Dirtettur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

Id-dokumenti għandhom jinżammu mill-Assoċjazzjoni.

15. Id-dokumenti kollha għandhom jinżammu fl-uffiċċju amministrattiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u taħt il-kustodja tar-Reġistratur.

Ħruġ tal-ittra ta' aċċettazzjoni.

16. Fi żmien tliet ijiem tax-xogħol min-notifika tad-deċiżjoni tal-appell mill-Bord, is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali għandu joħroġ l-ittra ta' aċċettazzjoni hekk kif ikun iddeċieda l-Bord.

Meta l-valur tal-kuntratt jeċċedi €12,000.
A.L. 177 tal-2005.

17. F'kull każ fejn il-valur stmat tal-offerta jaqbeż it-tnax-il elf euro (€12,000), il-proċedura tal-appell għandha ssir skont ir-Regolamenti tal-2005 dwar il-Kuntratti Pubbliċi.

Il-proċeduri *ad hoc* japplikaw.

18. Il-proċeduri stabbiliti mill-Kumitati tal-Kuntratti, appuntat mill-Ministru responsabbli għall-finanzi għandhom, kemm-il darba mhux provdut xort'oħra b'dawn ir-regolamenti jew regolamenti oħra dwar sejħiet għall-offerti maħruġa mill-Kunsilli Lokali, ikunu japplikaw *mutatis mutandis*.

TAQSIMA V
Kuntratti

Kuntratturi jagħtu garanzija, eċċ.

19. Fi żmien sebat ijiem mill-ittra tal-aċċettazzjoni, jew f'dak iż-żmien itwal li l-Kumitat tal-Offerti jista' f'ċirkostanzi eċċezzjonali jiddeċiedi, il-kuntrattur għandu jipprovdi l-garanzija u l-assigurazzjonijiet meħtieġa skont il-proċeduri ta' offerti.

Firma tal-kuntratt.

20. Wara dan, għandu jiġi ffirmat kuntratt ta' ftehim bejn il-Kunsill u l-kuntrattur.

Iħassar l-A.L. 157 tal-1993.

21. Ir-Regolamenti tal-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti), qegħdin jiġu mħassra.